MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Rikors Numru. 9/2006/1

**Charles Gilson (I.D. 987247M), Saviour Gilson (I.D.444346M) f'isimhom u ghan-nom u in rapprezentanza ta' huthom l-imsiefrin Alfred Gilson, Albert Gilson, Mary Jane Kendall, Mary Rose Muscat, Joseph Gilson u Michael Gilson**

**vs**

**Catherine Zammit**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur tar-rikorrenti li jghid hekk:

"Illi huma jikru lill-intimata d-dar tar-residenza numru 78, Mensija Street, St. Julian's versu l-kera ta' Lm94 fis-sena li tithallas kull sena bil-quddiem u l-iskadenza li tmiss taghlaq fid-19 ta' Novembru, 2006.

Illi l-intimata zammet il-post fi stat hazin ta’ manutenzjoni tant li llum il-gurnata hemm bzonn anke tiswijiet ta’ natura urgenti.

Illi l-intimata nterpellata diversi drabi sabiex taghmel is-tiswijiet li hemm bzonn, baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk l-intimata kisret il-kundizzjonijiet tal-lokazzjoni;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom li jirrprendu l-pussess tal-imsemmi fond u konsegwentement previa occorrendo d-dikjarazzjoni li l-kirja msemmija qieghda tigi xolta, tordna l-izgumbrament tal-istess intimata fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha hekk prefiss.

Bl-ispejjaz kontra l-intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni u b’riserva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti.”

Ra illi l-intimata minkejja li debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni b’dan ir-rikors naqset illi tintavola risposta;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi minkejja li l-intimata naqset li tirregistra risposta jew opposizzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti, il-Bord semgha l-provi tar-rikorrenti bil-gurament. Dawn il-provi kienu jikkonsistu fix-xhieda ta’ Charles Gilson li ikkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors promutur;

Illi ghalhekk t-talba tar-rikorrenti timmerita li tkun milqugha u ghal dawn il-mottivi il-Bord jilqa’ t-talba u jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess tal-fond numru 78 Mensija Street, St. Julians u konsegwentement jiddikjara xolta l-lokazzjoni tal-istess fond li minnu l-intimata hija ordnata tizgombra fi zmien xahar mil-lum;

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------